MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 342/2012/1

**Michael Attard Limited (C32362)**

**v.**

**Albert Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Catherine Vella pprezentat fit-13 ta’ Marzu 2012, li jaqra hekk:

“Illi flimkien ma’ dan ir-rikors qed jigi ntavolat rikors guramentat fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Catherine Vella vs. Albert Vella, hawn anness u mmarkat Dok CV.

“Illi l-esponenti ghaddejja minn proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha l-intimat, Albert Vella, citaz. numru 161/06 NC, liema proceduri ghadhom fi stadju tal-provi taghha u ghalhekk ghalkemm ilhom separati de facto ghal madwar seba’ jew tmien snin, ghadhom legalment mizzewgin u ghad hemm jezisti bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti.

“Illi in linea primarja, ghandu jinghad illi l-immobbli in kwistjoni u cioe’ Prim Rose Triq Mons. Innocenz Zammit, Msida, hu proprjeta’ tal-komunjoni tal-akkwisti u cioe’ tappartjeni b’nofs indiviz kull wiehed, ossija lill-intimat u lill-esponenti. Illi din il-proprjeta’ nxtrat fit-12 ta’ Dicembru 1990 permezz ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Antoine Agius, u cioe’ matul iz-zwieg tal-esponenti u zewgha l-intimat (Dok A).

“Illi in linea preliminari wkoll, dawn il-proceduri, u cioe’ l-bejgh b’subbasta tad-dar matrimonjali li ggib l-indirizz Prim Rose, Triq Mons. Innocent Zammit, Msida, ittiehdu biss kontra l-intimat, nonostante illi l-kumpannija rikorrenti kienet taf ben tajjeb illi l-intimat u l-esponenti ghadhom legalment mizzewgin, kif ser jigi spjegat iktar ahjar f’dan ir-rikors.

“Illi, inoltre, l-esponenti saret taf bis-subbasta tad-dar taghha u cioe’ illi d-dar matrimonjali taghha ser tinbiegh bis-subbasta fis-17 ta’ April 2012, tramite l-Avukat sottosrkritt u biss ftit ijiem ilu ‘l ghaliex lanqas giet notifikata bir-rikors pprezentat mill-kumpannija rikorrenti, liema rikors qed jigi hawn anness u mmarkat Dok B.

“Illi peress illi l-intimat u l-esponenti ilhom jghixu hajja separata ghal zmien twil, l-esponenti saret taf illi l-intimat kien qed jaghmel negozju mal-kumpannija rikorrenti f’dawn l-ahhar sentejn (circa) u biss minhabba il-proceduri ta’ separazzjoni.

“Illi fil-mori tal-istess proceduri ta’ separazzjoni, l-esponenti saret taf illi l-intimat kien xtara numru ta’ karrozzi minghand il-kumpannija rikorrenti permezz ta’ kambjali li kien iffirma hu biss u ghal kull buon fini qed jigi anness ma’ dan ir-rikors kopja tax-xhieda ta’ Michael Attard stess fejn jindika b’mod car illi l-karrozzi nxtraw bid-dejn u li l-esponenti ma ffirmat l-ebda kambjala (Dok C) u li l-intimat kien qallu illi m’ghadux mal-mara (Dok D) sabiex Michael Attard u cioe’ l-kumpannija rikorrenti baqghet tinnegozja mal-intimat minghajr ma qatt ikkonfermat jekk fil fatt ghadu mizzewweg.

“Illi ghalhekk kien l-intimat li dahal unikament fin-negozju ma’ Michael Attard Limited, tant illi sahansitra kien informa lis-sur Attard illi kien isseparat minn mal-mara sabiex l-esponenti ma tkunx involuta fin-negozju u l-qliegh li setgha ghamel u ghalhekk kien l-intimat unikament li dahal fi dejn mal-istess kumpannija, b’qerq u b’ingann u sabiex dahhal lil martu f’dejn li minghajr ma kienet taf bih assolutament xejn u mill-banda l-ohra l-qliegh kollu li ghamel minn dan in-negozju ghamlu ghalih wahdu u ad insaputa ta’ martu.

“Illi b’sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-seduta tal-10 ta’ Jannar 2012, fi proceduri ta’ giljottina li gew intavolati ghal darba ohra kontra l-intimat biss, u li kopja taghha qed jigi hawn anness u mmarkat Dok E, l-intimat gie kkundannat jhallas l-ammont ta’ €124,068.88 rapprezentanti l-import ta’ 313-il kambjala, kollha skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut. Illi l-esponenti, ghalkemm kienet taf bil-kambjali fis-sena 2010, ma kinitx taf u qatt ma setghet tkun taf, illi zewgha ma kienx qed ihallas kif suppost.

“Illi wara li nghatat is-sentenza kif fuq intqal, Michael Attard Limited intavola rikors ghall-mandat ta’ qbid ta’ hwejjeg immobbli (Dok B) sabiex id-dar in kwistjoni, li hija d-dar matrimonjali, tinbiegh bis-subbasta, liema talba giet milqugha fil-25 ta’ Jannar 2012, hekk skond id-dikriet hawn anness u mmarkat Dok F.

“Illi inoltre u recentement wkoll, l-esponenti saret taf illi l-kumpannija rikorrenti ntavolat kemm mandat ta’ qbid fuq 26 karrozza, numru 1615/11, hawn anness u mmarkat Dok G; mandat ta’ sekwestru numru 1619/11 immarkat Dok H, kif ukoll mandat ta’ inibizzjoni numru 1732/11 hawn anness u mmarkat Dok I kontra l-intimat biss ghall-hlas ta’ l-imsemmija kambjali li gew iffirmati minnu. Illi jidher car mill-lista pprezentata mal-Mandat ta’ qbid, mill-kunsinnatarju Brian Baldacchino illi minn 26 karrozzi indikati fil-mandat ta’ qbid (Dok G), kull ma nqabdu kienu sitta hekk skond dokument Dok Gii.

“Illi l-20 karrozzi l-ohra li ghandhom valur u li setghu, kif ghadhom sal-lum jistghu jnaqqsu d-dejn li jezisti, ghal liema dejn dahal l-intimat wahdu ad insaputa ta’ martu kontra l-interessi taggha, ma gewx maqbuda u lanqas biss jissemmew mill-kunsinnatarju. Illi l-intimat ma setgha qatt jittrasferihom minhabba l-mandat ta’ inibizzjoni li l-esponenti kienet intavolat fil-mori tal-kawza ta’ separazzjoni li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok J u ghalhekk hemm il-prezunzjoni illi l-karrozzi ghadhom f’isem l-intimat. Illi ghalhekk l-esponenti ma tistax tifhem x’sar minnhom dawn il-karrozzi u ghaliex ma gewx maqbudin biex inaqqsu d-dejn li l-intimat ghamel mal-kumpannija Michael Attard Limited – specjalment meta Michael Attard stess kien xehed taht gurament illi l-unika garanzija li kienet hadet Michael Attard Limited kienet proprju l-vetturi li kienet bieghet lill-intimat (vide t-tieni pagna ta’ Dok Di).

“Illi l-esponenti ma tistax tifhem kif is-subbasta ser issir kontra l-proprjeta’, ossija d-dar matrimonjali, fl-intier taghha meta l-esponenti, bhala sid tan-nofs indiviz tad-dar, qatt ma kellha x’taqsam man-negozju in kwistjoni, ossija qatt ma ffirmat l-ebda kambjala. Illi s-socjeta’ Michael Attard Limited intavolat ir-rikors ghas-subbasta kontra Albert Vella biss, nonostante illi nofs id-dar tghajjat lill-esponenti bhala s-sid, liema fatt huma maghruf mis-socjeta’ rikorrenti.

“Illi ma jistax ikun illi biex taghmel bicca negozju u ddahhal il-flus, is-socjeta’ rikorrenti hadet riskju ossija ma ikkonfermatx jekk l-intimat kien verament isseparat minn mal-mara, u ghalhekk accettat l-kambjali minghajr il-firma tal-esponenti; u llum l-istess socjeta’, li aggixxiet b’mod irresponsabbli u kontra l-Ligi, qed tippretendi li l-esponenti taghmel tajjeb bin-nofs indiviz taghha tad-dar in kwistjoni, ghad-dejn li garrab l-intimat unikament, liema dejn dahal ghalih bil-kunsens tal-istess socjeta’ attrici u mighajr il-prezenza u l-kunsens tal-esponenti.

"Illi inoltre, l-esponenti ma tistax tifhem kif id-dar matrimonjali ser tinbiegh bis-subbasta meta s-socjeta' Michael Attard Limited ghadha ma qabditx il-karrozzi kollha, liema karrozzi taw lok ghall-imsemmi dejn u liema karrozzi nbieghu lill-intimat bi ftehim illi tali karrozzi ikunu garanzija ghall-istess dejn u dana abbazi tax-xhieda ta' Micahel Attard stess fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2011. Illi dan kollu ma jistax hlief jindika komplicita' bejn Michael Attard Limited u l-intimat biex id-drittijiet tal-esponenti fuq id-dar matrimonjali, l-unika beni fil-komunjoni tal-akkwisti, tigi lilha misruq b'dan il-mod. Illi ghad hemm 20 karrozza li ghadhom proprjeta' tal-intimat, liema ghandhom valur u cioe' jistghu jkomplu jnaqqsu id-dejn.

"Illi l-fatt illi l-intimat dahal fid-dejn in kwistjoni mal-kumpannija attrici u cioe' iffirma numru ta' kambjali minghajr il-konoxxenza ta' martu, imur kontra id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1322 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta, liema artikolu jirreferi ghall-atti ta' amministrazzjoni straordinarja. Biex ma jissemmix ukoll il-fatt illi l-istess agir imur kontra l-principju u l-obligazzjoni assodat fil-Ligi illi l-mizzewgin ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja u ghandhom jamministraw l-komunjoni tal-akkwisti b'mod responsabbli u dejjem fl-interess tal-familja.

"Illi dan il-principju, ossija li l-iffirmar tal-kamnjali huwa att straordinarju u cioe' jehtieg il-kunsens tal-mizzewgin, gie ritenut fil-kawza numru 1689/2001/1 fl-ismijiet Angele Calleja vs. Claude Calleja et fejn il-Qorti rritteniet illi "ghalkemm l-iffirmar ta' kambjala ma huwiex per se att ta' amministrazzjoni straordinarja nkawantu tali att mhux elenkati fis-subinciz (3)…izda l-istess subinciz tal-artikolu 1322 jikkunsidra ukoll bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja sew dawk l-atti fejn il-jeddijiet reali fuq beni mmobbli jkunu akkwistati, mahluqa jew trasferiti; kif ukoll is-self ta flus." Illi fl-istess kawza l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Gallery management Limited, ossija illi "l-obbligazzjonijiet assunta minn Claude Calleja u l-accettazzjoni tieghu li jiffirma kambjala mhumiex atti straordinarji li huma elenkati b'mod esklussiv fl-artikolu 1322(3)," stante illi "l-kreditu tas-socjeta' Gallery Management limited rappresentat bil-kambjala jista' facilment, wara d-debiti proceduri, jissarraf f'jedd reali fuq il-beni mmobbli appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti u dana bir-registrazzjoni fir-registru pubbliku tas-sentenza relattiva"; dan ukoll meta f'dak il-kaz ma kien hemm ebda xamma ta' komplicita' kif hemm f'din il-kawza illi n-negozju li sar bejn Michael Attard Limited u l-intimat u l-fatt li l-intimat thalla mill-istess socjeta' jibqa' izomm u jinnegozja b'ghoxrin minn 26 karrozza!

"Illi inoltre, l-agir tal-intimat u cioe' l-iffirmar tal-kambjali imsemmija, ma jistghu qatt jidhlu fl-ambitu tal-artikolu 1324 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta. Illi skond il-

gurisprudenza nostrana, l-artikolu 1324 jikkrea eccezzjoni ghar-regola generali li tinsab enuncjata fl-artikolu 1322 kif fuq ntqal. Dan l-artikolu izda mhuiex intiz biex jaghti mano libera lil dik il-parti li tkun qed tiggestixxi negozju, kummerc jew professjoni biex, minghajr xkiel, taddebita lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti dejn li altrimenti jkun suggett ghall-azzjoni ta' annullament. "Dan l-artikolu, fil-fehma tal-Qorti, huwa intiz sabiex jiffacilita' l-atti ta' kull jum ta' negozjant, jew profesjonista li ma jistax jippretendi li, f'kull att ta' kummerc jew negozju, jew fl-ezercizzju tal-professjoni ta' dak li jkun, jkollu l-htiega tal-presenza tal-konsorti (Citaz nru: 1689/2001/1). Inoltre, l-istess artikolu, ossija 1324 tal-Kap 16, juza l-kliem "l-atti…jkunu vestiti biss f'dik il-parti…" liema kliem juri b'mod car illi l-iskop ta' dak l-artikolu hu biex titwarrab l-htiega tal-presenza tal-konsorti u mhux biex jxejjen dak li jinghad fl-artikolu 1322 u l-artikoli sussegwenti u allura jisraq lil martu.

"Illi ghalkemm l-intimat xtara l-karrozzi biex jaghmel negozju, hu xtarahom bid-dejn u cioe' permezz ta' kambjali li l-esponenti mhux biss ma ffirmathomx izda aghar minn hekk lanqas kienet taf bihom, ossija saret taf bihom biss matul il-proceduri ta' separazzjoni.

"Illi l-artikolu 1327 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jelenka b'mod ezawrit id-djun li jmorru fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Illi peress illi l-kambjali u l-iffirmar taghhom huwa misthoqq bhala att straordinarju taht l-artikolu 1322 u cioe' jehtieg il-kunsens tal-mizzewgin flimkien, u peress illi l-artikolu 1327(b) jghid b'mod car illi l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni tal-akkwisti, jqiesu djun li jmorru fuq il-komunjoni, ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, is-socjeta' attrici trid bil-fors tezercita d-drittijiet li ghandha kontra l-intimat l-ewwel fuq il-proprjeta' parafernali tieghu.

"Illi jekk l-intimat m'ghandux beni parafernali, il-Ligi xorta tissalvagwardja d-drittijiet tal-parti l-ohra u cioe' tal-esponenti permezz tal-artikolu 1329 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' "in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti".

"Illi dan il-principju gie ritenut b'mod carissimu fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Maria Stella Farrugia vs. HSBC Bank plc et (Citazz nru 397/2003/1). Il-Qorti, b'riferenza ghall-imsemmi artikolu qalet illi "peress illi l-bank kreditur ma setax jissodisfa l-kreditu tieghu mill-assi personali ta' Carmel

Joseph Farrugia, u stante li l-kumpanija konvenuta, Antsat International, m'ghandhiex assi, jista' idur fuq l-assi tal-komunjoni, sa nofs il-valur taghha, biex jithallas dak li hu dovut. Il-Qorti kompliet billi ordnat illi “ir-rikavat mill-bejgh, il-bank konvenut jista' jenforza l-kreditu tieghu biss fuq nofs dak ir-rikavat, bin-nofs l-iehor jigi segregat u riservat ghall-attrici.” Dan il-principju gie enunzjat meta ma kienx hemm il-fattispeci li jezistu f’dawn il-proceduri meta jidher car mill-provi mressqa illi kien hemm kolluzjoni bejn is-socjeta’ Michael Attard Limited u l-intimat.

“Illi fl-ahharnett, u in vista tal-fatt illi skond il-procedura tas-subbasta, u senjatament l-artikolu 319(5), il-bejgh bl-irkant ssir jekk ikun hemm offerta minima ta’ 60% tal-valur tal-oggett soggett ghas-subbasta, d-drittijiet li l-esponenti ghandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti ser ghal darb’ ohra jigu ppregudikati.

“Illi in vista tas-suespost, u cioe’ l-fatt illi l-proceduri gew ntavolati kontra l-intimat biss nonostante illi l-kumpannija rikorrenti kienet taf ben tajjeb illi ghadu mizzewweg; il-fatt illi d-dar tappartjeni b’nofs indiviz lill-esponenti, il-fatt illi l-intimat dahal f’dejn sostanzjali u wahdu u minghajr il-konoxxenza ta’ martu bi ksur tal-artikolu 1322 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; il-fatt illi l-azzjoni tal-intimat ma setghu qatt ikunu koperti mill-artikolu 1324 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta’ Malta, u l-fatt illi ghad hemm 20 karrozza li jistghu jigu maqbuda biex inaqqsu d-dejn li garrab l-intimat, id-dejn li ghandu l-intimat mas-socjeta’ rikorrenti ghandu jolqot biss in-nofs indiviz tal-komunjoni tal-akkwisti li jappartjeni lilu u cioe’ n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali, hekk skond l-artikoli 1322, 1327 u 1329 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, bin-nofs l-iehor jigi ezentat mill-bejgh bis-subbasta.

“Illi ma jistax ikun illi l-esponenti taghmel tajjeb ghad-dejn li garrab l-intimat wahdu u dana wara li agixxa bil-mod kif agixxa ossija li ghamel negozju u dahal f’dejn ma’ Michael Attard Limited minn wara dahar martu, u bl-ghajnuna tal-kumpannija kreditrici tieghu ‘il ghaliex Michael Attard Limited qatt ma vverifika jekk l-intimat kien filfatt separat de jure.

“Ghaldaqstant l-esponenti qed titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara li l-intimat hu unikament responsabbli ghad-dejn fl-ammont ta’ €124,068.88 fil-konfront ta’ Michael Attard Limited;

“2. Tordna r-revoka tal-Mandat ta’ Qbid ta’ hwejjeg mmobbli u cioe’ tal-proprjeta’ li ggib l-indirizz Prim Rose, Triq Mons Innocenz, Msida fl-intier tieghu ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Fin-nuqqaas tordna s-sospenzjoni tas-subbasta, ai termini tal-artikolu 326 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sakemm jigi dekretat ir-rikors Guramentat hawn anness u mmarkat Dok CV

“4. Tordna l-bejgh tal-karrozzi kollha li kontra taghhom hemm mandat ta’ qbid numru 516/11 izda li ghadhom ma gewx maqbuda, u fuq liema karrozzi Michael Attard Limited ghandu privilegg specjali ghall-ammont mhux imhallas fuqhom, u liema karrozzi ghad jistghu jinbieghu permezz ta’ dawn il-proceduri sabiex jissaldaw id-dejn jew parti minnu; inoltre li jigi ordnat li l-istess dejn jigi saldat bil-proprjeta’ parafernali tal-intimat u qatt fuq in-nofs indiviz tal-komunjoni tal-akkwisti li jappartjenu lill-espoenti inkluz naturalment in-nofs indiviz tad-dar matrimonjali.

“5. Tordna illi wara li jigi dekretat ir-rikors guramentat (Dok CV), u biss jekk jifdal dejn mas-socjeta’ rikorrenti wara li jinbeighu l-karrozzi kif fuq intqal, jinbiegh biss in-nofs indiviz tal-propjeta’ in kwistjoni li tappartjenti ghall-intimat, filwaqt li n-nofs indiviz l-iehor jibqa’ unikament il-proprjeta’ tal-esponenti.

“Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.”

Rat ir-risposta ta’ Michael Attard Limited li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi permezz tar-rikors promotur r-rikorrenti Catherine Vella ressqet diversi talbiet lil dina l-Onotabbli Qorti, liema talbiet huma kollha nulli u irritwali u kif ukoll infonadati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet li ser jigu esposti hawn taht.

“1. **L-ewwel Talba**

“Illi fl-ewwel talba r-rikorrenti qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi illi Albert Vella huwa unikament responsabbli ghad-dejn fil-konfront tal-kumpannija esponenti.

“Illi umilment jigi rilevat illi dina t-talba hija ghal kollox irritwali kif imressqa f’dawn il-proceduri u dana stante illi ma hijiex il-procedura odjerna li permezz taghha jigi attakkat titolu ezekuttiv.

“Illi dak li essenzjalment qed tipprova taghmel r-rikorrenti huwa li tadixxi lil dina l-Oborabbli Qorti sabiex tistharreg u tvarja sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti u tipprova tehles mill-obbligi taghha minghajr ma tintavola r-rikors guramentat opportune.

“Illi r-rikorrenti hija konsapevoli illi r-rikors odjern mhux il-procedura idoneja sabiex titressaq t-talba odjerna tant illi intavolat rikors guramentat li permezz tieghu ressqet talba ghall-istharrig tal-Onorabbli Qorti f’proceduri appoziti.

“Illi ghalhekk dina l-ewwel talba hija irritwali u konsegwentement ma tistax tintlaqa’.

“Illi fil-mertu jigi rilevat illi ukoll dina t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

“Illi r-rikorrenti tikkontendi illi ghalkemm kienet u ghada mizzewga lil Albert Vella hija ma ghandiex tkun responsabbli ghad-dejn assunt minn zewgha Albert Vella u dana stante li hija ma iffirmatx il-kambjali relattivi.

“Illi izda dina s-sottomissjoni hija ghal kollox kuntrarju ghall-insenjament prevalent tal-Qrati taghna.

"Illi fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza Strand Marine Limited vs Simon Borg Bartolo (Citaz Nru 368/98GCD) deciza fis-7 ta' marzu 2003 intqal hekk:- "Fadal biss l-ewwel eccezzjoni, illi tghid illi l-kuntratt ta' l-4 ta' Settembru 1997 kif ukoll il-kambjalijiet imsemmija fic-citazzjoni ma jiswewx ghax ma humiex iffirmati wkoll minn mart il-konvenut. Din l-eccezzjoni hija mibnija fuq l-art. 1322(3)(g) tal-Kodici Civili, li jqis bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja l-akkwist ta' haga mobbli li l-prezz taghha ma jithallasx mal-konsenja jew qabel, u l-art. 1322(2) li jghid illi l-jedd li jwettqu atti ta' amministrazzjoni straordinarja jmiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Madankollu, il-fatt illi mart il-konvenut (illum mifruda minnu) ma kinitx parti fix-xiri u ma iffirmatx il-kambjalijiet ma jfissirx illi dawk l-atti ma jiswewx; ifisser biss illi mart il-konvenut tista', skond l-art. 1326(5) tal-Kodici Civili, titlob illi zewgha jirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew, jekk dan ma jistax isir, jaghmel tajjeb ghad-danni."

"Illi wkoll fis-sentenza l-aktar ricenti dwar il-materja, dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza Bank of Valletta p.l.c vs Carmel Ray Micallef (Cit Nru 1890/01TM) deciza fit-18 ta' Frar 2004 iddecidiet hekk:- "It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija ukoll insostenibbli, peress li, skond il-ligi, l-firma tal-konjugi hi mehtiega biss fuq att ta' amministrazzjoni straordinarja. Dawn l-atti huma elenkati fl-artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili, u l-firma ta' kambjala ma tissemmhiex bhala att ta' ammistrazzjoni straordinarja. Il-lista tal-atti straordinarja hija wahda kompluta, u ma tistax tigi estiza biex tkopri attijiet mhux hemm imfisra." Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Elmo Insurance Ltd vs Pace", decisa fit-3 ta' Ottubru, 2003, huma biss dawk l-atti elenkati fl-artikolu 1322(3) (a) sa (m) li ghandhom jitqiesu ta' natura straordinarja u, ghalhekk, ghandhom ukoll jinghataw interpretazzjoni restrittiva. Minn imkien mis-subinciz (3) tal-artikolu 1322 l-att li ta' lok ghal din il-kawza ma jista jikwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja, u, kwindi, ma kienx mehtieg il-firma ukoll ta' mart il-konvenut fuq il-kambjali.

"Illi mill-gurisprudenza appena citata huwa mill-aktar evidenti illi l-lanjanzi imressqa mir-rikorrenti huma infonadati fil-ligi u konsegwentement ir-rikorrenti ma ghandiex setgha li topponi ghall-ezekuzzjoni kif qed tipprova taghmel bir-rikors odjern.

"Illi dawn is-sottomissjonijiet kollha tar-rikorrenti li jirrigwardjaw dina l-kwistjoni, li gew ripetuti diversi drabi fir-rikors promotur, huma ghal kollox skartati mill-gurisprudenza appena citata u ghas-skans ta' ripetizzjoni l-kumpanijja esponenti mhux ser tindirizza kull wahda minn dawn is-sottomissjonijiet infondati.

"Illi l-konkluzjoni hija li l-kambjali iffirmati minn Albert Vella huma tali li jorbtu l-komunjoni tal-akkwisti bil-konsegwenza li l-kumpnaija esponenti ghandha d-dritt li tezegwixxi t-titolu taghha fuq il-beni tal-komunjoni, inkluz d-dar matrimonjali. Jekk ir-rikorrenti ikolliex dritt ta' rivalsa kontra zewgha dik ghandha tarah ir-rikorrenti, izda certament ma ghandiex dritt li twaqqaf is-subbasta odjerna.

“Illi dwar dina t-talba r-rikorrenti taghmel diversi sttomissjonijiet fierha u kif ukoll malafamanti fil-konfront tal-kumpannija esponenti, dwar liema l-istess kumpannija qed tirriserva d-dritt li tipprocedi ulterjorment kontra r-rikorrenti, inkluz kriminalment.

“Illi forst dawn l-allegazzjonijiet infondati r-rikorrenti tallega illi l-kumpannija Michael Attard Limtied kienet komplici ma’ Albert Vella sabiex id-drittijiet tar-rikorrenti fuq id-dar matromonjali jigu misruqa. Bid-dovut rispett jigi rilevat illi dina hija sottomissjoni ghal kollox inveritjiera u intiza biss biex thammeg ir-reputazzjoni impekkabbli tal-kumpannija esponenti u fir-rigward ta’ liema l-kumpannija esponenti u d-dirigenti taghha ser jistitwixxu dawk il-proceduri necessarji u opportun skond il-kaz.

“Illi jigi rilevat illi r-relazzjoni guridika bejn l-kumpannija esponenti u Albert Vella kienet wahda ta’ negozju u relatat ma-negozju gestit mill-istess Albert Vella. Meta dana Albert Vella kien qed ikunu moruz fil-pagament tal-kambjali li skadew l-kumpaninija Michael Attard Limited ipprocediet kontra l-imsemmi Albert Vella minghajr ezitazzjoni tant illi gew maqbuda l-vetturi li bihom kien jopera n-negozju tieghu l-istess Albert Vella u dan oltre mandat ta’ sekwestru u mandat ta’ inibizzjoni.

“Illi l-kumpannija esponenti intavolat rikors guramentat kontra albert Vella li ghalkemm gie kontestat, finalment it-talbiet attrici gew akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti.

“Illi l-agir tal-kumpannija esponenti huwa ghal kollox trasperenti u intiz biss sabiex tikkawtela l-kreditu taghha u bl-ebda tigbid ta’ immaginazzjoni ma jistax jitqies li hemm xi kolluzzjoni bejna Michael Attard Limited u Albert Vella bil-ghan li tigi ippregudikata r-rikorrenti.

“Illi jekk ir-rikorrenti ghandha problemi ma zewgha dawn huma ghall kollox estranei ghall-kumpannija esponenti u wisq anqas huwa gust li jekk ir-rikorrenti ghandha immaginazzjoni fertili dina tissarraf f’allegazzjonijiet malafamanti fil-konfront tal-kumpannija esponenti.

“Illi finalment jigi rilevat illi l-agir tar-rikorrenti huwa ghal kollox kontradittorju u dana fis-sens li f’mument minnhom tghid li ma ghandha x’taqsam xejn mad-dejn li ghamel zewgha Albert Vella ma’ Micahel Attard Limited izda min-naha l-ohra tinibixxi lil zewgha, permezz tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li kopja tieghu tinsab annessa mar-rikors promotur u market bhala Dok J, milli jittrasferixxi l-vetturi akkwistati minghand Michael Attard Limited u dana stante li qed tippretendi li ghandha sehem minnhom. Jekk ma ghadiex x’taqsam mad-dejn kif tista tippretendi li ghandha sehem mill-oggetti mixtrija bl-istess dejn?

“Ghaldaqstant l-ewwel talba rikorrenti ghandha tigi michuda.

“2. **<u>It-tieni talba</u>**

“Illi permezz tat-tieni talba taghha r-rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta’ qbdi ta’ hwejjeg mobbli u cioe’ tal-beni immobbli hemm imsemmija u dana ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12.

“Illi umilment jigi rilevat illi dina t-talba hija ghal kollox irritwali f’dana l-istadju tal-proceduri.

“Illi fil-prezent hemm procedura ta’ bejgh in subbasta li qedha in corso tant illi mhux biss giet stabbiltia d-data u l-hin ghall-imsemmi bejgh izda saret ukoll l-istima tal-perit imqabbad mill-Qorti u ghal liema relazzjoni thallas l-istess perit arkitett mill-kumpannija esponenenti.

“Illi ghalhekk fl-istadju ta’ dawn il-proceduri huwa l-artikoli relattivi ghall-bejgh in subbasta, cioe’ l-artikoli 313 sa 357 tal-Kap 12, li japplikaw u mhux dak invokat mir-rikorrenti.

“Illi tant hija konsapevoli minn dan ir-rikorrenti illi t-tielet talba tar-rikorrenti hija imsejsa fuq l-artikoli appena citati u cioe’ dawk applikabbli ghall-bejgh in subbasta.

“Illi ghaldawstant f’dana l-istadju huwa irritwali li tressaq talba ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12.

“Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ma ressqet ebda raguni valida sabiex l-mandat ta’ hwejjeg immobbli in ezami jigi imhassar.

“Illi kif espost r-rikorrenti qed tippretendi li s-sehem taghha mill-komunjoni ma ghadux jaghmel tajjeb ghad-dejn akkollat minn zewgha Albert Vella u dana stante li hija ma iffrmatx il-kambjali li taw lok ghal dawn il-proceduri.

“Illi kif gia espost aktar il-fuq dina s-sottomissjoni ma ghandiex sostenn fil-ligi u konsegwentement certament m’ ghandiex titqies bhala raguni valida biex jithassar il-mandat ta’ qbid ta’ hwejjeg immobbli in ezami.

“Aktar u aktar meta l-istess rikorrenti qed tippretendi li ghandha jedd fuq il-vetturi mixtrija minn Albert Vella li kienu l-kawza tad-dejn in ezami.

“Kif espost il-kambjali iffirmati minn Albert Vella huma tali li jorbtu lill-komunjoni u bhala tali ghall-hlas tal-istess ghandha taghmel tajjeb il-komunjoni, inkluz id-dar matrimonjali.

“Se mai r-rikorrenti ikollha dritt kontra zewgha ghal kull pregudizzju li hija tista issoffri, izda ma ghandhiex dritt titlob it-thassir tal-mandat in ezami.

“Ghaldaqstant anke it-tieni talba rikorrenti ghandha tigi michuda.

“3. **<u>It-Tielet talba</u>**

“Illi permezz tat-tielet talba r-rikorrenti qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni tas-subbasta in ezami u dana ghar-ragunijiet hemm esposti u dana sakemm tigi decizi l-kawza intavolata mir-rikorrenti kontra zewgha.

“Illi fil-kawza intavolata mir-rikorrenti fl-ismijiet Catherine Vella vs Albert Vella (Rik Gur Nru 272/12AW) hija essenzjalment ripetizzjoni tar-rikors odjern u hija intiza biss sabiex tistultifika l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tal-kumpannija esponenti.

“Illi kif gja fuq espost l-lanjanza tar-rikorrenti hija imsejsa fuq il-fatt illi hija ma iffirmatx il-kambjali li taw lok ghal dawn il-proceduri, liema lanjanza ma ghandiex sostenn fil-ligi u fil-gurisprudenza.

“Illi ghalhekk wisq anqas ghandha tkun gustifikata t-talba tar-rikorrenti sabiex tigi sospiza s-subbasta odjerna.

“Illi kif gia espost jekk ir-rikorrenti thossha aggravata bl-agir ta’ zewgha hija ghandha r-rimedji skond il-Ligi kontra zewgha, izda r-rimedju ma jwaqqafx lill-kumpannija rikorrenti milli tezegwixxi titolu taghha kontra l-komunjoni mhux rimedju disponibbli lir-rikorrenti.

“Illi bil-ghan li d-drittijiet tal-kumpannija esponenti jigu pregudikati irremidjabilment ir-rikorrenti intavolat il-kawza biss kontra zewgha bil-ghan li tottjeni decizjoni dwar it-titolu ezekuttiv tal-kumpannija esponenti u dana minghar ma iccitat lill-istess kumpannija rikorrenti u tinghata l-opportunita li tressaq id-difiza ghat-titolu taghha.

“Dan jikkostitwixxi agir abusiv tal-process gudizzjarju u huwa intiz biss sabiex il-kumpannija esponenti tigi imcahda mid-drittijiet legittimi taghha kontra r-rikorrenti u zewgha.

“Dak li qed tippretendi r-rikorrenti huwa li s-subbasta odjerna tigi sospiza sakemm fil-kawza bejnha u bejn zewgha jigi deciz kif u kontra min gahndhu jigi ezegqit it-titolu ezekuttiv tal-kumpannija esponenti u dana minghajr l-involviment tal-istess kumpannija esponenti.

“L-agir tar-rikorrent ma huwa xejn ghajr tentattiv futili li jigu stultifikati proceduri gudizzjarji legittimi u konformi mal-ligi billi jitressqu lanjanzi infondati, kif fuq espost, u aktar u aktar lanjanzi li ghalkemm indirizzati sabiex inaqqsu d-drittijiet tal-kumpannija esponenti ma gewx diretti fil-konfront ta’ l-istess kumpannija u dana bil-ghan li tigi mcahhda mid-dritt li tiddefendi t-titolu taghha.

“Illi certament dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex tigi adita biex tkun partecipi minn abuzz tal-procedura gudizzjarja bil-ghan li tigi pregudikata l-kumpanija esponenti.

“Ghaldaqstant anke t-tielet talba rikorrenti ghandha tigi michuda.

“4. **Ir-raba’ talba**

“Illi permezz ta’ dina r-raba talba r-rikorrenti tressaq diversi talbiet kontestwalment, u bid-dovut rispett ghal kollox irritwali.

“Illi l-ewwel parti tar-raba talba r-rikorrenti titlb lil dina l-Onorabbli Qorti tordna l-bejgh tal-karozzi kollha li ma gewx maqbuda bil-mandat ta’ qbdi numru 1516/11.

“Umilment jigi rilevat, kif tista dina l-Onorabbli Qorti tordna l-bejgh ta’ vetturi li mhux maqbuda taht l-awtorita’ taghha?

“Kif tista’ dina l-Onorabbli Qorti tordna l-bejgh ta’ vetturi, anke li kieku kienu maqbudin taht l-awtorita’ taghha, meta ma hemmx talba mill-kreditur ezekutant ghal dan?

“Jidher li r-rikorrenti issa qed tippretendi li libset iz-zarbun tal-kumpannija esponenti u tintavola talbiet li jispettaw biss lill-kumpannija esponenti bhala kreditur ezekutant.

“Dan huwa kollox irritwali u ghalhekk certament dina t-talba ma tistax tintlaqa’.

“Illi t-tieni parti tar-raba talba lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti jigi saladat biss mill-beni paragernali ta’ Albert Vella u bl-ebda mod fuq in-nofs indiviz appartenenti lir-rikorrenti mill-komunjoni tal-akkwisti.

“Illi ghal darb’ohra r-rikorrenti qed tressaq talba li ma hijiex sorretta fil-ligi. Kif tista r-rikorrenti tippretendi li tiddeciedi hija fuq liena assi ghandha tezegwixxi t-titolu taghha l-kumpannija esponenti.

“Dak li qed tippretendi r-rikorrenti huwa li dina l-Onorabbli Qorti icahhad lill-kumpannija esponenti mid-drittijiet taghha skond il-Ligi li tezegwixxi t-titolu taghha fuq l-assi kollha ta’ Albert Vella u kif ukoll fuq il-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn ir-rikorrenti u dana meta kif gia espost il-kreditu tal-kumpanija esponenti huwa tali li jorbot lill-komunjoni.

“Illi ghalhekk anke dina t-tieni parti tar-raba talba ghandha tigi michuda.

“5. **<u>Il-Hames talba</u>**

“Illi permezz tal-hames talba r-rikorrenti qed titlob li wara li tigi decizi l-kawza fl-simijiet Catherine Vella vs Albert Vella (Rik Gur Nru 272/12 AE), independentement mill-ezitu ta’ dik il-kawza, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li l-bejgh odjern ghandhu jitkompla biss fir-rigward tan-nofs indiviz appartenenti lil Albert Vella filwaqt li n-nofs indiviz ghandu jibqa’ jappartjeni esklussivament lir-rikorrenti.

“Illi b’dina t-talba dina l-Onorabbli Qorti qed tigi adita sabiex tinjora kemm il-kawza tas-separazzjoni li hemm pendenti fl-ismijiet Catherine Vella vs Albert Vella (Citaz Nru 161/06NC) li permezz taghha qed jintalab ukoll il-likwidazzjoni tal-komunjoni u kif ukoll il-kawza fl-ismijiet Catherine Vella vs Albert Vella (Rik

Gur Nru 272/12AE), u tghaddi sabiex tiddeciedi jekk Catherine Vella hijiex ukoll responsabbli ghall-hlas tal-kreditu tal-kumpannija esponenti u kif ukoll kif ghandha tigi subdiviza d-dar matrimonali.

“Illi dina t-talba hija ghal kollox insostenibbli u dana stante li dina l-Onorabbli Qorti, fil-proceduri odjerni, ma hijiex vestita bil-kompetenza li tiddeciedi dawn il-materji aktar u aktar meta hemm kawzi ohra pendenti fir-rigward.

“Ghaldaqstant anki dina l-hames talba ghandha tigi michuda.

“Il-kumpanija esponenti ghaldaqstant umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Catherine Vella u tordna l-prosegwiment tal-bejgh in subbasta odjerna.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Lulju 2013, li in forza taghha ddecidiet il-materja billi:

“... ... tilqa l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara li r-ragel tar-rikorrenti, cioe’ Albert Vella, hu unikament responsabbli ghad-dejn fl-ammont ta’ €124,068.88 fil-konfront tas-socjeta Michael Attard Limited u tirrevoka l-mandat ta’ qbid ta’ hwejjeg mmobbli rigwardanti l-fond Prim Rose, Triq Mons Innocenz, Msida u dan ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tiddikjara li mhux il-kaz li jinghata provediment dwar it-tielet u r-raba talbiet tar-rikorrenti. Finalment tichad ir-rimanenti talbiet.

“L-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn ir-rikorrenti u s-socjeta’ Michael Attard Limited.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti u żewġha l-intimat Albert Vella għaddejjin minn proċeduri ta’ separazzjoni (citazzjoni numru 161/06 NC), liema proceduri ghadhom pendenti. Huma ilhom zmien separati de facto, pero’ l-komunjoni tal-

akkwisti bejnithom ghada tesisti. L-immobbli li ser jinbiegh bis-sub-asta jappertjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u hi d-dar matrimonjali. Il-fond Prim Rose Triq Mons. Innocenz Zammit, Msida, hu l-immobbli in kwestjoni. Il-proceduri tas-sub-asta li ghadhom pendenti nbdew b'rikors tas-socjeta intimata Michael Attard Limited kontra r-ragel tar-rikorrenti Albert Vella. Ir-rikorrenti Catherine Vella mhux parti fl-imsemmija sub-asta u dan nonostante illi l-imsemmi Albert Vella u r-rikorrenti ghadhom legalment mizzewgin. Jirrizulta li r-rikorrenti lanqas biss ġiet notifikata bir-rikors tas-sub-asta.

"Inoltre jidher li r-rikorrenti saret taf illi żewġha kien qed jinnegozja biss fil-kors tal-kawża ghas-separazzjoni. Hija ukoll saret taf illi żewġha kien xtara kwantita' ta' karrozzi minghand is-socjeta' intimata meta saret taf bil-kawza li saret mill-istess socjeta' kontra Albert Vella sbiex dan tal-ahhar jigi kkundannat ihallas l-import ta varji kambjali minnu ffirmati in konnesjoni mal-imsemmi negozju. Dawn il-kambjali ma gewx iffirmati mir-rikorrenti u ghalhekk skond ir-rikorrenti kien biss zewgha li dahal fin-negozju ma' Michael Attard Limited u b'hekk hi ma kellha x'taqsam xejn mal-istess negozju.

"Jirrizulta li b'sentenza tal-qorti kompetenti tal-10 ta' Jannar 2012 (fol 21), fi proceduri, hekk imsejjha "bil-giljottina" intavolati mill-imsemmija socjeta' kontra l-imsemmi ragel tar-rikorrenti, l-istess Albert Vella, gie kkundannat ihallas l-ammont ta' €124,068.88 rapprezentanti l-import ta' 313 il-kambjala, kollha skaduti, accettati u ffirmati minn l-istess Albert Vella. Sussegwentement giet milqugha t-talba sabiex tinbiegh l-imsemmija dar konjugali u dan wara li s-socjeta' ottjenit il-hrug ta' mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli (Dok B) fir-rigward tal-imsemmija dar konjugali. Is-socjeta' in kwestjoni ottjenit ukoll il-hrug kemm ta' mandat ta' qbid fuq 26 karrozza, mandat ta' sekwestru kif ukoll mandat ta' inibizzjoni u dawn kollha kontra r-ragel biss. Dawn kollha inhargu ghall-hlas tal-imsemmija kambjali. Jirrizulta mil-lista pprezentata mill-kunsinnatarju in konnessjoni mal-imsemmi mandat ta' qbid li mis-26 karrozza, li gew indikati fl-istess mandat, kull ma nqabdu kienu sitta kif jirrizulta ukoll mid-dokument Gii. L-20 karrozza l-ohra ma gewx maqbuda u lanqas biss jissemmew mill-kunsinnatarju. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssostni li s-subbasta ma kelliex issir kontra d-dar matrimonjali fl-intier stante li hi s-sid ta' nofs indiviz tal-istess dar u, inoltre, qatt ma kellha x'taqsam man-negozju in kwestjoni ta' zewgha mal-imemmija socjeta'.

"Da parti taghha s-soċjetà intimata Michael Attard Limited issostni li l-kambjali iffirmati minn Albert Vella jorbtu l-komunjoni tal-akkwisti bil-konsegwenza li hi (s-socjeta) ghandha d-dritt li tezegwixxi t-titolu taghha fuq il-beni tal-komunjoni,

inkluz id-dar matrimonjali. L-istess socjeta’ tikkontendi li semmai r-rikorrenti jista jkollha dritt ta’ rivalsa kontra zewgha, izda m’ghandiex dritt li twaqqaf is-subbasta.

**“Konsiderazzjonijiet ta ligi**

“Jirrizulta li ż-żwieġ tal-konjugi Vella hu regolat mis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti. Inoltre jirrizulta sufficjentement li kien Albert Vella, waħdu u ad insaputa ta’ martu, li għamel negozju mas-socjeta’ Michael Attard Limited. Dan in-negozju kien jikkonsisti f’xiri da parti tal-istess Vella ta’ kwantita’ ta’ karozzi. Albert Vella naqas li jħallas lis-socjeta’ l-kambjali li ffirma favur l-istess socjeta’. Konsegwentament is-soċjeta giet kanonizzata kreditrci ta’ Vella u eventwalment talbet li d-dar konjugali tinbiegh bis-sub-asta stante li l-istess dar tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

“L-artikolu 1324 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) jipprovdi testwalment li – “Atti normali ta’ ġestjoni ta’ kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f’dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux magħmula in relazzjoni ma’ dik is-sengħa negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.” Dan l-artikolu hu intiż biex jiffaċilita l-ħajja tal-konjugi li jkun qed iġestixxi negozju stante li dan l-istess konjugi ma jkollux bżonn il-presenza ta’ martu f’kull att ta’ negozju tiegħu. Meta r-raġel tar-rikorrenti, nnegozja mal-imsemmija socjeta, huwa kien qed jagħmel att normali ta’ ġestjoni ta’ kummerċ li jaqa’ fil-parametri tal-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili. Kwindi jidher li d-dejn in kwestjoni m'għandux  jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti stante li Albert Vella seta’ jidħol f’negozju waħdu mingħajr ma jkun hemm fin-negozju l-parti l-oħra fiż-żwieġ.

“Inoltre jidher li kemm ir-rikorrenti kif ukoll is-socjeta’ intimata jaqblu li l-iffirmar ta’ kambjali in relazzjoni ta’ negozju hu att ordinarju u kwindi r-ragel seta jiffirma l-kambjali minnghajr l-intervent ta’ martu.. Hawnhekk ir-referenza hi ghall-artikolu 1322(3), dejjem tal-istess kapitolu, li jelenka dawk l-atti li ghandhom jigu meqqjusa bhala atti ta’ amministrazzjoni straordinarja. L-ewwel f’dan l-elenku huma “l-atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati mahluqa jew trasferiti.” Fil-kaz in ezami l-att ta’ negozju li ghamel ir-ragel tar-rikorrenti holoq jedd fuq il-propjeta’ tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Vella, tant hu hekk li gie ordnat il-bejgh in sub-asta tad-dar konjugali. Kwindi jista jinghad li

bl-att tan-negozju li sar minn Albert Vella gew akkwistati minn terzi (Michael Attard Limited) drittijiet reali fil-konfront tad-dar konjugali. Konsegwentement l-istess att ghandu jitqies bhala att ta amministrazzjoni straordinarja, bin-necessita' li l-kambjali in kwestjoni, sabiex jigu ritenuti legalment validi, kellhom jigu ukoll iffirmati mir-rikorrenti ukoll. .

"Nonostante dak li jinghad fil-paragrafu precedenti, fil-kaz li, bl-applikazzjoni tal-provedimenti tal-imsemmi artikolu 1324, jinghad li Albert Vella seta jidħol wahdu f'negozju ma' Michael Attard Limited bħala att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, kwindi d-dejn in kwestjoni hu dejn li sar minn parti waħda fiż-żwieġ, u dejn li sar fl-amministrazzjoni ta' kummerċ jew negozju eżerċitati minn parti waħda mill-miżewwġin. Fis-sentenza "Anthony sive Ninu Frendo et vs Angelo Zahra" tal-31 ta' Jannar 2003 (Appell Civili numru 1379/1997/1) gie ritenut li "anke jekk kien jinkwadra ruhhu bhala att normali ta' gestjoni ta' kummerc (jew) negozju fit-termini ta' l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili, b'ebda mod ma justa jitqies li jaggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti (artikolu 1327 - Kap.16)." Kwindi d-dejn in kwetjoni m'għandux jitqies li jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti u l-aġir ta' Albert Vella jolqot biss lilu stess u mhux lill-konjugu l-ieħor jew lill-komunjoni tal-akkwisti.

"In vista ta' dak kollu li gie premess l-ewwel talba tar-rikorrenti cioe' li jigi dikjarat li l-intimat huwa unikament responsabbli ghad-dejn fl-ammont ta' €124,068.88 fil-konfront ta' Michael Attard Limited jisthoqqilha li tiġi akkolta.

"L-artikolu 1329(1) tal-Kap.16 jipprovdi li "bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti." Kwindi in vista ta' dawn il-provedimenti s-soċjetà rikorrenti semmai ghandha l-ewwel tittanta tissodisfa l-kreditu dovut lilha mill-beni parafernali ta' Albert Vella, u jekk tali beni ma jkunux ikopru d-dejn in kwestjoni allura tkun tista tinforza it-talba tagħha "in subsidum" kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Inoltre fil-kaz in ezami l-proċeduri li saru mis-soċjetà Michael Attard Limited saru biss fil-konfront ta' Albert Vella u ma kien hemm ebda proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti Catherine Vella. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-

ismijiet "Gulab Chatlani vs George Grixti" deciza fit-2 ta' Dicembru 1991 iddikjarat li ebda att gudizzjarju, fis-sistema taghna, ma jista' jkollu effikacja jew jigi mibghut u jolqot lil xi hadd li m'huwiex nominat fil-mandat."

"Hu zgur li r-rikorrenti ma setgħetx taġixxi biex tħassar is-sentenza li tat lok għall-mandat ta' qbid stante lil-istess rikorrenti ma kienetx parti f'dawk il-proċeduri u kwindi, ghall-istess raġuni, l-istess sentenza ma tistax tiġi esegwita kontra r-rikorrenti u l-beni taghha. Jidher ghalhekk li r-rikorrenti ma tistax tkun is-suġġett tal-mandat ta' qbid kontra zewgha u l-istess mandat ma jistax jigi esegwit kontra r-rikorrenti stante li din lanqas biss kienet parti fil-kawza. Una volta li dan il-mandat mhuwiex eżegwibbli kontra r-rikorrenti, dan għandu jiġi revokat fil-konfront tagħha. In vista tal-premess ma hemmx ghalfejn li jigi provdut dwar it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti.

"Fir-raba talba taghha r-rikorrenti qed titlob li jigi ordnat il-bejgh tal-karrozzi kollha li kienu imsemmijin fil-mandat ta' qbid numru 1516/11, anke dawk li fil-fatt ghadhom ma gewx maqbuda. In effett is-socjeta' Michael Attard Limited tgawdi privilegg specjali fuq l-istess karozzi u dan ghall-ammont mhux imhallas relattivament ghal-istess karozzi. Jidher li l-valur tal-istess vetturi jistghu jaghmlu tajjeb ghad-dejn ta' Albert Vella jew ghall-inqas parti minnu. Fl-ahhar nett ir-rikorrenti talbet ukoll li l-jigi ordnat li l-istess dejn jigi saldat bil-proprjeta' parafernali tal-intimat u qatt fuq in-nofs indiviz tal-komunjoni tal-akkwisti tagħha.

"Din it-talbiet ma jistghu qatt jigu milqugha stante li ma jistax, f'dawn il-proceduri jigi ordnat il-bejgh tal-vetturi li ma gewx maqbuda bil-mandat in kwestjoni. Il-Qorti ma gietx mitluba tordna l-bejgh tal-vetturi minn min ottjena l-hrug tal-istess mandat. Kwindi dawn it-talbiet jimmeritaw kli jigu michuda.

"In vista ta' dak kollu li gie premess l-ewwel talba kif ukoll it-tieni talba tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu akkolti. Konsegwentement m'hemmx ghalfejn li jinghata provediment dwar it-tielet u r-raba' talbiet. It-talbiet l-ohra jimmeritaw li jigu michuda."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Attard Limited li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "… … tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar id-decizjoni appellata moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-19 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet Michael Attard Limited (C32362) vs Albert Vella (ID200858M), u konsegwentement tichad it-talbiet tal-appellata Catherine Vella.
>
> "Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawn quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kontra l-appellata Catherine Vella."

Rat ir-risposta ta' Catherine Vella li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza, ir-rikorrent Catherine Vella, li ghaddejja proceduri ta' separazzjoni personali minn ma' zewgha Albert Vella, qed titlob dikjarazzjoni fis-sens li d-dejn ta' mija, erbgha u ghoxrin elf u tmienja u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmi, (€124,068.88) li zewgha ghandu ma' Michael Attard Limited, huwa unikament responsabbli ghalih l-imsemmi zewgha. Bhala konsegwenza qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Qbid fuq hwejjeg immobbli li

bis-sahha tieghu s-socjeta` Michael Attard Limited qabdet il-fond matrimonjali tal-konjugi Vella wara sentenza ta' kanonizzazzjoni tal-imsemmi kreditu li s-socjeta` ottjeniet kontra Albert Vella permess ta' sentenza li inghatat fl-10 ta' Jannar 2012. L-imsemmija Catherine Vella, oltre dawn il-proceduri, fit-13 ta' Marzu 2012, ipprezentat ukoll kawza (rikors 272/12) fejn talbet li jigi dikjarat li hi mhux responsabbli ghad-dejn li ghandu zewgha ma' Michael Attard Limited, u dan peress illi zewgha dahal f'dan id-dejn bi kzur tal-Artikoli 1322, 1324 u 1327 tal-Kodici Civili. Jirrizulta li Albert Vella huwa involut f'negozji ta' karozzi u d-dejn li ghandu mas-socjeta` Michael Attard Limited, kien kopert b'diversi kambjali minnu biss iffirmati.

L-ewwel Qorti sabet favur Catherine Vella wara li qieset li Albert Vella ghamel atti ta' amministrazzjoni straordinarja u dan meta ffirma l-kambjali, u la darba agixxa wahdu ma jistax jorbot lill-martu u lanqas lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu.

Is-socjeta` Michael Attard Limited appellat mis-sentenza u ressqet diversi aggravji li whud huma validi kif se jinghad.

Fl-ewwel lok, ghandu jinghad li l-kawza *ad hoc* li fethet fit-13 ta' Marzu 2012 (rikors 272/12), li fiha talbet l-istess haga li talbet f'din il-procedura, kienet giet deciza <u>qabel</u> din il-kawza, u precizament fit-30 ta' Mejju 2013. F'dik il-kawza

Catherine Vella, minghajr ma specifikat l-ammont tad-dejn ta' zewgha, talbet dikjarazzjoni fis-sens li zewgha hu biss responsabbli ghad-dejn kollu li ghamel ma' Michael Attard Limited, *"bl-eskluzjoni ta' martu"*. Bis-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2013, din it-talba ta' Catherine Vella giet michuda u allura gie kkonfermat li d-dejn ta' zewgha ma' Michael Attard Limited kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Dik is-sentenza ghaddiet in gudikat li, allura, torbot lill-partijiet u lill-Qorti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, f'dawn il-proceduri, ma setghetx tiddeciedi mod iehor milli gia` gie gudikat f'sentenza precedenti. Kien nuqqas kbir tal-partijiet li lill-ewwel Qorti f'dawn il-proceduri ma nfurmawhiex bis-sentenza li nghatat precedentement, u dan in-nuqqas, da parti tad-difensuri tal-partijiet, zgur mhux ezempju tal-ko-operazzjoni mistennija mill-ufficjali tal-Qorti bhalma huma l-avukati, u regolarment imweghda mill-Kamra tal-Avukati.

Jibqa l-fatt li fit-30 ta' Mejju 2013, gie stabbilit darba ghal dejjem li d-dejn li Albert Vella ghandu ma' Michael Attard Limited mhux parafernali tieghu, izda dejn tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Vella. Id-dikjarazzjoni kuntrarja li ghamlet l-ewwel Qorti f'dawn il-proceduri hija ghalhekk legalment inkoncepibbli u qed tigi revokata.

Ghal kull buon fini, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li meta r-ragel iffirma l-kambjali gew akkwistati mis-socjeta` Michael Attard Limited *"drittijiet reali fil-konfront tad-dar konjugali"*. Il-fatt li konjugi jiffirma skrittura, u bis-sahha ta' dik l-iskrittura, il-parti kontraenti l-ohra takkwista, wara d-debita

procedura, titolu ezekuttiv u, wara, l-ezekuzzjoni ta’ dak it-titolu fuq hwejjeg immobbli, ma jaghmilx l-iffirmar ta’ dik l-iskrittura holqien ta’ dritt reali fuq proprjeta` immobbli, u allura att ta’ amministrazzjoni straordinajra. Huma certi kuntratti li, fl-Artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili, huma meqjusa bhala atti ta’ amministrazzjoni straordinarja, u mhux kull holqien ta’ debitu li, jekk ma jithallasx, jista’ jwassal ghal xi forma ta’ ezekuzzjoni fuq proprjeta` immobbli.

L-iffirmar ta’ kambjali fil-kors tan-negozju ta’ dak li jkun, mhux att ta’ amministrazzjoni straordinarja (ara **Bank of Valletta plc v. Micallef** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Frar 2004) u l-firma tar-ragel hi bizzejjed biex torbot il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu.

Darba li d-dejn hu tal-komunjoni, il-mandat ta’ qbid li nhareg fuq oggetti mmobbli proprjeta` tal-komunjoni hu validu, u daqstant iehor huma validi l-proceduri li innizjat is-socjeta` kreditrici ghall-bejgh bis-subbasta tal-fondi elevati. Darba d-dejn kien tal-kommunjoni tal-akkwisti, is-sentenza li s-socjeta` Michael Attard Ltd akkwistat fl-10 ta’ Jannar 2012, li biha ottjeniet il-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghha, ghandha effett fuq l-istess komunjoni avvolja l-mara ma kinitx parti f’dik il-kawza. Darba l-att huwa ta’ amministrazzjoni ordinarja, kull wahda mill-partijiet mizzewga setghet tigi mharrka dwaru – ara **Brown v. Mifsud**, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta’ Dicembru 2005.

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti ma tarax htiega li tidhol biex tezamina d-diversi lanjanzi ta’ natura procedurali li ressqet s-socjeta` appellanti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` Michael Attard Limited billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza li tat l-ewwel Qorti fid-19 ta’ Lulju 2013, u minflok tichad it-talbiet kollha ta’ Catherine Vella kif kontenuti fir-rikors taghha tat-13 ta’ Marzu 2012, bl-ispejjez kollha anke dawk in prim istanza kontra l-istess Catherine Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------